**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 99 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Vs**

**Charlene Gatt**

Illum 20 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Charlene Gatt ta' 36 sena bint Mario u Anna mwielda fit-2 ta' mejju, 1985 u toqghod 94, Triq San Martin Zebbug, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 254785 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fit-2 ta' Marzu 2021 ghal habta tat-15:00 hrs gewwa Triq San Martin, Haz Zebbug:

Volontarjament hassar jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor (vettura JBM 385 Mitsubishi), mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn €250 izda anqas minn €25,500 ghad-dannu ta' Philip Giordimaina u/jew persuni ohra.

Ingurjajt, jew heddidt, jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' PC 768 B. Farrugia, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew mionhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skont l-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-24 ta' Frar, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 95 u 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal Ligijiet ta' Malta sabet lil Charlene Gatt hatja taz-zewg imputazzjonijiet kif dedotti kontriha u illiberata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena wahda mill-llum skont l-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll kkundannata multa ta' disa mitt Ewro (€900).

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lil hatja thallas lil Filippa Giordimaina s-somma ta' sitt mija u hmistax il-Euro u hamsin centezmi (€615.50) fi zmien tlett (3) xhur mill-llum.

Il-Qorti fissret is-sentenza lil hati skont l-artikolu 22 (3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charlene Gatt minnha pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha:

1. Tannulla s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onor. Qorti minhabba nullita fil-komparixxi stess.

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost tikkonfermaha fir-rigward ta' sejbien ta' hijta ghat-tieni imputazzjoni izda tirrevokaha fir-rigward ta' sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberaha minnha

3. subordinatament izda bla pregudizzju ghas-suesport tikkonfermaha fir-rigward ta' sejbien ta' hijta ghat-tieni akkuza izda fil-kaz li din l-Onor Qorti tikkonfermaha ghar-rigward ta' htija ghall-ewwel akkuza tirrevokaha fir-rigward ta' ordni ta' hlas tal-ammont ta' € 615.50 favur Filippa Giordmaina.

4. Subordinatament izda bla pregudizzju ghas-suespost taghti piena aktar xierqa tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti fl-ewwel lok illi l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tal-appellanti huma nulli, fit-tieni lok u subordintatament filli l-appellanti ma kellha qatt tigi misjuba hatja fir-rigward tal-ewwel akkuza u fit-tielet lok u subordinatament ma kellha qatt tigi kkundannata thallas l-ammont ta' € 615.50 lil Filippa Giordmaina. Fl-ahhar lok il-piena relattiva ghall-imputazzjonijiet kollha kellha tkun aktar ragjonevoli.

i. Il-fatti ta' din il-kawza huma semplici. Il-konjugi Giordmaina jallegaw illi fil-hin u gurnata msemmija ossi it-2 ta' Marzu 2021 huma raw lill-appellanti bil-wieqfa hdejn il-vettura taghhom u hargu mir-razzett taghhom u raw li kien hemm hsara fil-vettura.

ii. Il-konjugi assumew li l-appellanti ghamlet il-hsara li raw fil-vettura taghhom u skond huma l-hsara kienet rizultat ta' girfa li l-appellanti allegatament ghamlet b' xi cavetta.

iii. Il-konjugi jghidu illi huma qatt ma kellhom xi jghidu mal-appellanti u ghaldaqstant dak allegatament sar minnhom sar bla ebda raguni.

iv. Il-konjugi esebew ritratti u survey li sar mis-socjeta' assikurattrici taghhom liema survey juri hsarat estensivi fuq in-naha tal-lemin tal-vettura waqt li r-ritratti juru hsarat fuq in-naha tal-lemin tal-vettura. L-istess hsarat huma wisq estensivi li jistghu jkunu rizultat ta' girfa u hemm tibdil ta' parts bhal lock u mera li certament ma setghux jirrizultaw minn dak allegat.

v. Mill-atti rrizulta illi l-vettura n mertu hija propjreta' ta' Philippa Giordmaina u mhux Philip Giordmaina.

vi. L-appellant innegat li ghamlet xi hsara fil-vettura tal-konjugi u li meta kienet l-ghassa ghalkemm huwa minnu li kellha diskors qawwi fil-konfront ta' PC 768 B Farrugia hija qatt ma kellha l-intenzjoni li b' xi mod tingurjah jew theddu jew b' xi mod twaqqfu milli jaghmel xogholu.

L-Ewwel Aggravju

vii. L-akkuzi kif dedotti huma nulli. Fl-akkuza huwa allegat hsara fil-konfront ta' Philip Giordmaina u/jew persuni ohra. Bir-rispett kollu dovut lill-korp tal-pulizija, din x' akkuza hi? Il-korp tal-pulizija ghandhom access ghal data *updated* tal-vetturi kollha fit-triq. Dan ifisser illi l-akkuza generalizata bhala ma hija dik in mertu hija wara irregolari u illegali u minhabba f' hekk twassal ghan-nullita' tal-akkuza.

*viii.* L-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali jghid: "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*"

ix. Huwa car ghalhekk li c-citazzjoni trid taghti lok ghal fatti li jinkawdraw ruhhom f' akkuza partikolari u mhux generalizzati.

x. Ghalkemm huwa minnu illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna jindikaw li citazzjoni hija "*biss*" avviz sabiex wiehed jattendi ("*avviso a comparire*") l-aggravju huwa fis-sens illi fl-appell odjern l-avviz huwa sabiex l-appellanti tattendi l-Qorti sabiex tiddefendi ruhha fil-konfront ta' hsarat li sar fil-konfront ta' **xi persuna**. Din ma tistax tkun valida.

xi. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** (25.07.94) intqal:

*"Brevement, iccitazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l' imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l' imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell' ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f' dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din ilQorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **<u>I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami</u>**)."*

xii. L-aggravju manifest li jgib in-nullita' hija propjru din: l-appellanti ma setghetx tkun f' qaghda li tiddefendi lilha nnifisha fir-riward ta' hsarat allegati fuq vettura ta' persuna mhux maghrufa.

xiii. L-istess insenjament johrog mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (04.11.94) **<u>Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg</u>**:

*"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x' hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. ..... Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F' ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

xiv. Qari ta' din is-sentenza, u ohrajn, jafu jaghtu lok ghal inkonsistenza u sahansitra element ta' abbuz procedurali u prosekuzzjonali. Kif setghet l-appellanti tkun f' qaghda li tiddefendi ruhha fil-kaz ta' hsara fuq vettura liema allegata hsara hija l-pern tac-citazzjoni.

xv. L-appellanti u l-ligi tippretendi illi almenu f' dik li hija designazzjoni ta' proprjeta' ic-citazzjoni tkun korretta u cara u mhux ekwivoka. Infakkar li si tratta ta' vettura. Ifisser li si tratta ta' fatt li huwa certament facli ghal prosekuzzjoni li tottjeni facilment.

xvi. Apparti dan. Huwa sewwa legalment li citazzjoni tkun fiha frazi inkonsistenti u nebuluza bhal "*u/jew*"! Hawn, donnu, l-prosekuzzjoni qed tpoggi l-procedura kriminali f' sitwazzjoni ta' incertezza nizjali li m' ghadhiex tkun hemm.

xvii. F' dan il-kuntest issir riferenza ghall-**Pulizija v. Philip Schembri** Qorti tal-Appell Kriminali (18/11/94):

*"Dawn il-fatti [ta' l-akkuza], naturalment, iridu juru b' mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b' mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."*

xviii. Fil-kaz odjern huwa proprju dan in-nuqqas li jwassal ghal nullita. L-appellanti ma kienietx taf lil min allegatament ghamlet hsara ghaliex bl-uzu tal-frazi *"u/jew"* infetah il-bieb ghal kwalunkwe persuna li b' xi mod jista jkollu d-dritt juza jew ikollu pussess fuq vettura.

xix. Dana kollu fil-kuntest ta' kliem il-ligi stess. L-artikolu 360 (1) ticcara illi c-citazzjonijiet ghandhom ikollhom id-dettalji li **li jkunu jistghu jinghataw**.

xx. Dan ir-ragunament huwa sewwa espress fil-kawza deciza fil-5 ta' Frar, 2016 per l-Illum Imhallef Aaron Bugeja **l-Pulizija vs Joseph Calleja et:**

*il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed isehh jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali. Ghalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju ghall-proceduri penali u ghad-drittijiet tad-difiza. Is-setghat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' taghti f' kull kaz huma limitati u ristretti ghal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma ghandiex is-setgha, ossia carte blanche li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li*

*jidhlilha f' mohhha jew li trid jew li tkun tixtieq taghti. Il-provvedimenti taghha huma limitati ghal dawk provduti filKodici Kriminali. Din il-Qorti ma tistax tiehu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew taghti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti millKodici Kriminali bhala li jistghu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali. F' kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar ' il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-ohra, jekk id-difiza taghzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f' dan il-kaz, huwa bizzejjed ghad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi taghha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieh fuq bilanc ta' probabilita' u f' kaz li dan isehh, u l-Qorti ma thossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni lahqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat. Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Joghgbuna jew ma joghgbuniex, dawn huma whud mir-regoli bazilari li jistrieh fuqhom il-procediment penali Malti. Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet maghmula mill-Prosekuzzjoni kontra limputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgha taghha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.'*

xxi. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju jibqa' illi stante li fic-citazzjoni hemm konfuzjoni u generalitajiet li jmorru kontra l-artikolu 360 (2) ic-

citazzjoni hija nulla u ghaldaqstant l-appellanti kellha tigi liberata minnu kull htija u piena.

**It-tieni Aggravju**

xxii. It-tieni aggravju, subordinatament ghall-ewwel aggravju huwa li ma kellhiex tinstab htija fir-rigward tal-ewwel akkuza.

xxiii. F' dan il-kaz irid jinghad li propjru l-aggravju huwa car u manifest u dana hareg car mill-fatti li gew quddiem l-Ewwel Onor. Qorti. Il-fatti li hargu kienu s-segwenti:

- Ir-rapport li ghamlu l-konjugi Giordmaina kien li l-appellanti girfet il-vettura. Jekk dan huwa minnu ghaliex hemm dubju dwar x' raw billi huma kienu gewwa r-razzett u l-vettura kienet barra r-razzett bl-appellanti allegatament wara l-vettura (u ghalhekk ma setghux jarawha sewwa).
- Jekk dana huwa minnu kif allura mis-survey report u mir-ritratti mieghu allegat jirrizultaw kull tip ta' dannu hlief grif.
- Ukoll. Ghaliex fir-rapport jissemmew per ezempju *locks* ta' bieb, *rubber* u mirja. Dawn certament ma jistghux isir b' girfa!
- Dan l-istess rapport jaghti danni li sehhew fuq in-naha tal-lemin tal-vettura mentri r-ritratti juri hsarat fuq ix-xellug tal-vettura.
- Irid jizdied jinghad ukoll illi skond il-konjugi qatt ma kellhom xi jghidu mal-appellanti u ghalhekk dak li sar, sar ghal xejn b' xejn.
- Skond dokumentazzjoni ta' Transport Malta il-vettura hija ta' Mrs Giordmaina. Li jigi ndikat fic-citazzjoni Philip u/jew persuni ohra mhix bizzejjed biex jigi kkonfermat htija. Si tratta ta' persuna li l-

prosekuzzjoni kienet taf min hi u ghaldaqstant l-akkuzi ma jistghux jigu dikjarati bhala pruvati.

xxiv. Il-kwistjoni li ghandna quddiemna hija finalment wahda ta' massimi legali, ossia l-presuzjoni tal-innocenza dejjem fil-kuntest tad-dubju ragjonevoli.

xxv. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer** (05.12, 97 Appell Kriminali) il-Qorti kkonfermat il-principju;

*"li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni."*

xxvi. L-istess Qorti ccitat hekk mi-kaz **Miller vs Minister of Pension** - tal-espressjoni ' *proof beyond a reasonable doubt.*' (spjegazzjoni li tinstab f' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati nostrani – Lord Denning).

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

xxvii. Ma hemmx ghalfejn riferenzi ghal gudikati ohra. L-principju hu li hu u huwa ben stabbilit.

xxviii. Fil-kaz odjern il-fatti kollha li ghalihom saret riferenza huma tali li ghandhom jikkrejaw element qawwi ta' dubju favur l-appellanti – anki mid-dicitura stess tal-Imputazzjoni liema dicitura addirittura taghmel dubju fuq l-proprjeta' tal-vettura n mertu !

It-tielet aggravju

xxix. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost l-appellanti ma kellha qatt tigi kkundanata thallas l-ammont ta' € 615.50 lil Filippa Giordmaina.

xxx. Kif gja inghad fuq hemm dispkrepanza kbira minn dak allegat bhala dannu li sehh u d-danni li effetivament qed jigu reklamati. A skanz ta' ripetizzjoni l-appellanti taghmel riferenza ghal paragrafu xxvii u zzid biss illi certament hemm dubju qawwi fir-rigward tal-entita' tad-danni subiti billi ma hemmx qbil bejn dak dikjarat mill-konjugi, dak imnizzel fis-survey u dak li jidher fir-ritratti esibiti.

xxxi. L-ahhar aggravju huwa fir-rigward tal-pieni in generali u b' mod partikolari fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

xxxii. L-appellanti tiddikjara illi l-Qorti setghet imxiet mod iehor maggha fir-rigward ta' piena applikabbli. L-affidavit ta' PC 768 B. Farrugia ma kienx tali li jwassal ghal kundanni ta' hlas ta' multa fl-ammont ta' € 900.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat,**

L-ewwel aggravju tal-appellant Gatt jitratta dwar in-nullita' tac-citazzjoni mertu tas-sentenza appellata u ghalhekk huwa logiku li dan ikun kunsidrat *in primis*. L-appellant jargumenta li c-citazzjoni hija wahda nulla u qatt ma setghet twassal ghal sejbien ta' htija peress illi ma saritx skond l-artikolu 360(2) tal-Kodici

Kriminali. L-appellant jistqarr li l-komparixxi hija nulla u dan ghaliex l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova min hu sid il-vettura li allegatament giet danneggjata f'dan l-incident meta hija stqarret fil-komparixxi li d-dannu sar "*ghad-dannu ta' Philip Giordmaina jew /u persuni ohra .*"

Jibda biex jinghad illi huwa l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali li jirregola c-citazzjoni, ossia l-ordni bil-miktub li biha titharrek persuna imputata ta' reat. "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*". Kif kostantement deciz mill-Qrati taghna, dak li hu rikjest mill-prosekuzzjoni fit-tnedija tac-citazzjoni hu li tindika fiha l-fatti li dwarhom l-imputat hu mitlub jidher quddiem il-Qorti fid-data u hin indikati. Mhux mehtieg li l-imputazzjonijiet ikunu redatti fil-kliem testwali tal-ligi (I**l-Pulizija vs Philip Schembri App Krim 18.11.1994).**

Dawn il-fatti naturalment iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun imputata, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed ikun akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb (ibid). Jibqa' biex ikun konsiderat imbaghad jekk dawk il-fatti kif migjuba fic-citazzjoni jammontawx ghal xi reat jew reati ohra (**Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** (App Krim 13.1.1995). Jizdied ma dan ukoll li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skoretti tal-fatti (**Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg** App Krim 4.11.1994). Fis-sentenza l-ahhar citata, din il-Qorti wara li ccitat id-dibatti fil-Kunsill Tal-Gvern dwar l-origini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, rriteniet illi "*ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghhom jew tal-proceduri,*

*kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta'evitar ta' telf ta' zmien*[1]".

Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijeit **il-Pulizija vs Christopher Ryan et** :[2]

> *Dawn il-Qrati nvarjabbilment irritenew illi ċ-ċitazzjoni hija sempliciment ordni sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti. Kemm il-Ligi, kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista jkun, ikunu prattici fl-approc taghhom lejn lapplikazzjoni ta' dan l-artikolu u ma riedux li jintilfu hafna fuq kwistjonijiet, formaliżmi, u problematici teknici u procedurali a skans li ssir Gustizzja. Riedu jkunu mexxejja u prattici ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, fis-sistema procedurali Maltija, il-process penali huwa wiehed li jistrieh fuq id-dibattitu viva voce, fil-prezenza tal-imputat/akkuzat, u mhux konfinat u ristrett u ċirkoskritt minn proceduri li jsiru bil-forma miktuba a skapitu tal-espressivita tal-process kondott viva voce fil-presenza tal-imputat/akkuzat u ta' dawk li jridu jiggudikaw fuq il-fatti.*

Ghalhekk, il-Qrati irritenew li ċ-ċitazzjoni "*m'hemmx għalfejn issir skond xi formula sagramentali bil-preċiżjoni kollha*". F'dan il-kuntest, is-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Marzu 1954, fil-kawża fl-ismijiet: "**Il-Pulizija vs. Frank Borg**" tistabbilixxi illi:

> *"Fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni ma hix ħlief ordni ta' komparizzjoni, u l-enunċjazzjoni tal-fatti kontentuti fiha ma hix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni."*

Illi din il-linja ta' ħsieb ġiet adottata u adoperata f'diversi sentenzi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, liema sentenzi 'lkoll isostnu li n-nuqqas ta' referenza għaż-

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti
[2] Deciza fl-10 ta' April 2010 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri)

żmien u għall-lok fiċ-ċitazzjoni, jew altrimenti referenza għal ħin u lok divers minn dak illi jirriżulta mill-provi miġjuba fil-mori tal-kawża bl-ebda mod ma jġib in-nullita taċ-ċitazzjoni u/jew il-liberazzjoni tal-imputat. Anke il-fatt li l-persuna li tkun sofriet id-danni ma tigix identifikata ma twassalx ghan-nullita tac-citazzjoni Dawn l-istess sentenzi jirritjenu illi dak illi huwa mportanti fl-imsemmija ċirkostanzi huwa li l-imputat ikun a konjizzjoni tal-fatti jew ċirkostanzi li bihom jinsab akkuzat, u dan sabiex l-istess imputat ikun f'pożizzjoni illi jħejji d-difiża tiegħu[3]. Għaldaqstant jekk bin-nuqqas ta' determinazzjoni tal-ħin jew lok fiċ-ċitazzjoni, jew inkella, b'referenza għall-ħin u lok partikolari fiċ-ċitazzjoni li mbagħad, sussegwentament, jirriżultaw differenti mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti l-imputat iħossu żvijat, huwa għandu jitlob u jingħata differiment sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu b'mod adegwat. Dan japplika mhux biss ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali operanti fl-ambitu tal-kompetenza originali taghha ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali, izda wkoll gie estiz ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ezercenti proceduri fil-kompetenza estiza taghha ai termini tal-artikoli 370(3)(4) tal-Kodici Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Zahra",** l-Onor. Prim Imħallef Emeritus Vincent DeGaetano, jirriafferma s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Awwissu tas-sena 2003, u jispjega illi:

> *L-aggravju ta' l-appellant hu … li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh…. din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni (jew talimputazzjoni*

[3] Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti

*jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwataent huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew postponement biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali … l-Artikolu 360(2) jghid lic-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat flewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smiegh.*

Illi fil-kaz odjern huwa minnu li l-prosekuzzjoni kitbet fil-komparixxi li l-vettura tappartjeni lil Philip Giordmaina u /jew pesuni ohra pero waqt l-andament tal-kawza irrizulta bic-car li l-vettura tappartjeni lil Stephen Cachia kif del resto xehed u kkonferma fl-affidavit tieghu esebit fl-atti a fol 32. Jirrizulta minn qari tal-istes li l-vettura tappartjeni lil Filippa Giordmaina u ghalhekk f'kaz li l-appellant kellu bzonn xi differiment biex jipprepara d-difiza tieghu dan setgha sar facilment. Pero evidentement l-appellant ma hassx il-htiega li jaghmel tali talba stante li ma saritx.

Dan l-ewwel aggravju ghalhekk qed jigi michud.

It-tieni aggravju jitratta dwar il-mertu u cioe li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti prodotti. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-

apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[4].

Illi ghalhekk din il-Qorti kellha tezamina mill-gdid il-provi prodotti u dan sabiex tara jekk id-decizjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti kienitx wahda li tissejjah '*safe and satisfactory*'.

Illi nhar l-24 ta' Frar 2022 l-ispettur Clayton Camilleri pprezenta l-affidavit ta' PC 768 B Farrugia[5]. Dan spjega li nhar it-2 ta' Marzu 2021 ghall-habta tat-15.00p.m Philip Giordmaina cempel l-ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zebbug fejn irraporta li kien ra lil Charlene Gatt tigref il-vettura tieghu li kienet ipparkjata quddiem l-ghalqa tieghu gewwa Triq San Martin, Haz Zebbug. Huwa zied li l-girfa saret fuq il-mudguard il-bieba ta' wara tan-naha tax-xuffier u ghalhekk dan ifisser fuq in-naha tax-xellug. Zied li l-girfa ma jafx biex ghamlitha u anqas kellimha biex

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.
[5] Dok CC1 fol. 11 tal-atti

jghidilha ghalfejn ghamlet hekk ghax jaf li kienet taqla l-paroli peress li huwa anzjan.

Dak il-hin gie infurmat biex imur igib stima tal-hsara fejn stqarr li kien ha jkellem l-assikurazzjoni tieghu u jipprovdi stima fil-qarib. Il-pulizija ppruvat tikkuntattja lil Charlene Gatt madankollu ma bdietx twiegeb ghat-telefonati taghhom. Giordmaina pprovda stima mahruga minn Chris u Vince garage AA ta' 125 Triq Dun Luret Callus, Haz Zebbug li takkonta ghal €614.50 euros. In segwitu Charlene Gatt giet mitkelma gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug nhar l-14 ta' Marzu 2021 ghall-habta ta' 12:00 wara li giet tiffirma l-bail book taghha fejn stqarret li ma kellhiex ghalfejn tkellem avukat u ffirmat dikjarazzjoni dwar dan. Hija innegat li girfet il-vettura ta' Philip u qalet li mhux vera kien raha fejn baqghet tinsisti li m'hemmx provi u l-pulizija ser tmexxi kontriha ghax ridet hekk peress li mhemmx provi. Huwa pprova ifiehma li peress li l-vittma kien stqarr li raha taghmel hekk, il-pulizija kellha tipprocedi bil-kaz fil-Qorti kontriha fejn wara hija ssupervjat u hargt 'l barra u hija hu hierga qalet il-kliem indirizzati lejh ta 'Pufta' u 'F.o..' kemm ghandek. Dak il-hin kien wahdu fil-kamra tal-Orderly izda PC 560 u WPC 2371 semghuha mill-kamra l-ohra tas-surgenti.

Rat l-istima[6] mahruga dwar l-incident li sehh nhar it-2 ta' Marzu 2021 fejn hemm indikat li l-hsarat sehhew fuq ix-xellug tal-karozza numru ta' registrazzjoni JGM 385 u l-hsara kienet tammonta ghal €614.05. Rat ir-ritratti annessi mar-rapport a fol. 26 et seq.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Cachia** mahluf nhar is-6 ta' April 2021 fejn ikkonferma li l-vettura tal-ghamla Mitsubishi Spacestar numru ta' registrazzjoi JBM 385 ta' kulur Silver hija registrata f'isem Filippa Giordmaina detentrici tal-karta ta' identita numru 507051(M) u ilha hekk resgistrata mit-28 ta' Novembru 2008.

---

[6] Dok CC3 dol. 24 tal-atti

Rat ix-xhieda ta' **Philip Giordmaina** moghtija il-Qorti nhar l-24 ta' Frar, 2022. Dan spjega li l-appellanti tghix quddiemu u huwa ghandu razzett b'ghalqa mieghu. Ikkonferma li huwa ghandu karozza tal-ghamla Mitsubishi. Qal li l-appellanti kienet ipparkjata quddiem ir-remissa tieghu quddiem ix-xatba u harget tigri minn quddiem ix-xatba u barxitlu l-vettura u telqet tigri. Qal li barxitlu l-mudguard u l-bieba u malli ghamlet hekk telqet tigri 'l hemm. Ikkonferma li l-hsara swietu sitt mija u erbatax-il euro. Huwa kien xi tlett metri 'l boghod meta raha taghmel hekk. Qabel dan l-incident l-vettura kienet sew ma kellhiex brix fuqha. Ikkonferma li ma kellux incidenti ohra maghha qabel din u qatt ma kellimha. Jghid li meta sehh dan l-incident kellu l-mara mieghu. Qal li l-appellanti harget mill-garage taghha li hemm faccata ir-razzett tieghu. Jghid pero li l-girfa li ghamlitlu l-appellanti kient fuq in-naha tal-lemin.

Filippa Giordmaina xehdet fl-istess jum u spjegat li hija ghandha vettura Mitsubishi nurmu ta' registrazzjoni JBA 385. Fit-2 ta' Marzu 2021 hija kienet ir-razzett mar-ragel taghha. F'xi hin rat lill-appellanti issallab lejn il-karozza b'xi haga f'idejha u x'hin rathom dahlet tigri. Tghid li hija qatt ma kelmitha u qatt ma ghamlitilha xejn. Ikkonfermat li l-grif sar fuq in-naha tal-lemin u cioe tax-xuffier ghaliex kienet fuq barra tat-triq. Tikkonferma li ratha tigref u ratha tidhol gewwa darha meta idunat bihom. Tghid li kienet boghod minnha xi tlett metri stqarret li l-incident sehhet f'74 St. Mary Street Zebbug.

Dakinhar cemplet lill-pulizija li gew fuq il-post u minkejja li l-appellanti kienet gewwa darha din ma fethitilhomx. Tghid li meta waslu fuq il-post il-karozza ma kellha l-ebda grid. Tghid li ratha ghaliex il-bieb tal-farm kien miftuh bil-gate u ratha proprju hdejn il-karozza taghhom. Il-karozza kienet wara l-bieb tal-gate tal-farm. Tghid li n-naha tax-xuffier kien il-barra ghat-triq u meta qasmet hi giet proprju fuq in-naha tal-lemin tal-vettura. Meta hareg hija kienet gja hdejn il-

karozza u mhux raha gejja. Huma hargu jittawlu mhux ghax giet hi izda ghax dejjem hekk jghamlu.

Illi d-difiza kif kellha kull dritt taghmel ghazlet li ma tressaqx provi biex tikkontesta dak li gie allegat mill-prosekuzzjoni u lanqas ghazlet li taghmel kontro-ezami tal-pulizija li ha r-rapport. Ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata BISS bil-provi tal-prosekuzzjoni li ma humiex kontestati. Jidher biss li hemm diskrepanza ta′ fejn sehhew il-grif u dan ghaliex filwaqt li x-xhud Philip Giordmaina jghid li kienu fuq ix-xellug bhal ma hemm indikat fir-rapprot Filippa Giordmaina tikkonferma ghal darba darbtejn li l-hsara kienet fuq in-naha tal-lemin.

Il-Qorti rat li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hatja taz-zewg akkuzi u illiberatha bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat iehor fi zmien sena mill illum skond l-artikolu 2 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta u fl-istess hin ikkundannata multa ta′ disa′ mitt euro. Oltre li ordnatilha thallas kumpens ta′ €614 lill-appellanti rapprezentanti l-valur tal-hsara li sofriet l-appellanti skond l-istima esebita li ma gietx kontradetta.

Illi l-hsarat jidhru li huma fuq in-naha tal-lemin kif stqarret Filippa Giordmaina u kif jindikaw ir-ritratti u ghalhekk is-survey ghandu zball meta indika l-hsarat fuq in-naha tax-xellug. Ir-ritratti jitkelmu wahdehom fid-dawl ta′ dak li stqarret il-kwerelanti Filippa Giordmaina.

Din il-Qorti ghalkemm ma ratx lill-anzjani jixhdu ser toqghod fuq l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward taghhom molto piu meta tqis li ma hemm l-ebda prova li tikkontradici dak li qalu lanqas l-appellanti stess ma cahdet dak li gie allegat fil-konfront taghha.

Ghalhekk din il-Qorti rat li l-gudizzju milhuq mill-ewwel Qorti hu wiehed 'safe and stisfactory'.

Dwar il-piena din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'</u>**[7]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***<u>"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"</u>***[8]*, **<u>"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"</u>**[9] u ohrajn.)*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'</u>**[10]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[8] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[9] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

Issa fil-kz odjern din il-Qorti ddecidiet li tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat iehor ghal-perjodu ta' sena millum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma setghetx fl-istess hin tikkundannaha thallas multa ghax jew ser taghti kundanna u ordni ta' hlas ta' multa jew ser tordna l-liberazzjoni taht il-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor. Il-Qorti ma setghetx taghti kundanna ta' multa meta ghazlet li tillibera lill-istess appellant taht il-kundizzjoni prevista fl-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk fid-dawl tal-istess sejra timmodifika l-piena imposta billi tikkonferma l-conditional discharge li hija tat ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero qeghda thassar u tikkancella l-kundanna tal-multa imposta.

Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 532A tal-Kap 9, din il-Qorti rat li hija f'lokha u li tali incident sehh minghajr ebda raguni mgharufa izda b'mod kapriccuz u deplorabbli u ghalhekk l-istess appellant ghandha tpatti ta' ghemilha billi tikkumpensa lill-kwerelanti ghal dak li sofriet minhabba l-agir abbusiv u illegali taghha.

Konsgwentement din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-mertu, qed tikkonfermaha ukoll fir-rigward tal-ghoti tal-conditonal discharge ghall-perjodu ta' sena millum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero qeghda tirrevokaha in kwantu ordnat lil-appellanti thallas multa ta' disa' mitt euro (€900).

Din il-Qorti qed ukoll tikkonferma l-applikazzjoni tal-artikolu 523A tal-Kap 9 moqrija flimkien mal-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ordnat lill-appellanti thallas lil Filippa Giordmaina s-somma ta' sitt mija u hmistax il-euro u hamsin centezmu euro (€615.50) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett xhur millum.

Il-Qorti fisret is-sentenza lill-appellant skond l-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur